**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit.

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 21 ta' Mejju, 2002

**Numru 10**

**Avviz. numru 1643/01JR**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Unika Company Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fit-30 ta' Novembru, 2001 fejn intalab il-hlas ta' mija u wiehed u sittin lira Maltija u erba' centezmi (Lm161.04), rapprezentanti hlas ghall-servizzi rezi mis-socjeta` attrici in konnessjoni mal-mobile phone bin-numru 09493721;**

**Minkejja interpellata sabiex thallas diversi drabi s-socjeta` konvenuta baqghet nadempjenti;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-avviz, u bl-interessi kontra s-socjeta` konvenuta mid-data meta l-ammont pretiz fit-talba kien dovut sad-data tal-pagament.**

**Ra s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Beppe Fenech Adami ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u wiehed u sittin lira Maltija u erba' centezmi (Lm161.04) bl-imghaxijiet legali mill-15 ta' Frar, 2002, sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment ma' l-avviz, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**